MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2012

Appell Civili Numru. 65/2008/1

**Paul Washimba**

**v.**

**Bord tal-Appelli dwar ir-Rifugjati; u b'digriet tat-8 ta' Lulju 2008 issejhu fil-kawza l-Avukat Generali u l-Kummissarju ghar-Rifugjati.**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur fl-24 ta' Jannar, 2008, li jaqra hekk:

"Dikjarazzjoni tal-fatti:

"1. Illi huwa cittadin tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo u twieled gewwa Kinshasa fl-4 ta' Novembru 1961;

"2. Illi sa mill-1987 huwa kien membru attiv tal-*Mouvement Populaire de la Revolution* (MPR) u, inoltre, mill-1987 sal-1997 huwa hadem mill-qrib mal-gvern tal-president Mobutu, fi hdan korp bl-isem *guarde civile*;

"3. Illi huwa harab minn pajjizu fl-1997, wara li nbidel il-gvern u Kabila ha l-poter, peress illi beza' li ser jisfa vittma tal-persekuzzjoni minhabba l-konnessjonijiet li kellu mal-gvern ta' Mobutu;

"4. Illi huwa talab, u fil-fatt inghata, azil gewwa n-Nigerja, izda kellu jitlaq minn hemm peress illi s-sigurta` tieghu kienet mhedda mill-prezenza ta' ufficjali tas-sigurta` tal-gvern Kongoliz;

"5. Illi huwa ghalhekk telaq min-Nigerja u, wara li ghamel xi xhur jghix gewwa n-Niger, mar il-Libja, fejn rega' talab protezzjoni, din id-darba minghand il-UNHCR, peress illi ma hemmx strutturi governattivi ghall-iprocessar ta' talbiet ghall-azil fil-Libja;

"6. Illi minkejja li huwa gie rikonoxxut bhala rifugjat mill-UNHCR (Vide Dok 'A' hawn anness), huwa ma rnexxielux jikseb protezzjoni effettiva gewwa l-Libja, peress illi l-gvern Libjan ma jaghmilx distinzjoni effettiva bejn rifugjati u immigranti irregolari u, ghalhekk, kien jghix kontinwament taht it-theddida ta' arrest u deportazzjoni;

"7. Illi peress li hajtu u l-liberta` tieghu ma kienux mharsa gewwa l-Libja huwa telaq mill-pajjiz b'mod irregolari bil-hsieb illi jfittex il-protezzjoni fl-Ewropa;

"8. Illi huwa wasal Malta fit-28 ta' Gunju 2006 u, ftit wara li wasal Malta, ghamel talba ghall-azil;

"9. Illi din it-talba giet michuda mill-Kummissarju ghar-Rifugjati ghal diversi ragunijiet, fosthom illi kien tal-fehma illi l-esponenti *failed to support with convincing*

*evidence your claim that you worked with the former Mobutu regime.* Zied jghid ukoll li anke kieku veru li l-esponent kien jahdem mal-gvern ta' Mobutu, dan, fih innifsu, ma huwiex bizzejjed biex iwassal ghall-konkluzjoni li l-applikant huwa rifugjat ai termini tal-Konvenzjoni tal-1951 dwar ir-Refugjat (Vide Dok 'B' hawn anness);

"10. Illi fl-ebda mument waqt il-process ghad-determinazzjoni tat-talba tal-esponent ma giet rilevata xi forma ta' oggezzjoni ta' natura preliminari jew formali – fil-fatt it-talba tal-esponent giet michuda fuq il-mertu;

"11. Illi r-rikorrent appella minn din id-decizjoni, ai termini tal-Artikolu 7(2) tal-Att dwar ir-Rifugjati (Kap. 420 tal-Ligijiet ta' Malta), quddiem Bord tal-Appelli dwar ir-Rifugjati, peress li huwa ma qabilx mad-decizjoni li ttiehdet mill-Kummissarju ghar-Rifugjati fuq il-mertu tal-applikazzjoni tieghu;

"12. Illi minkejja dan, permezz ta' decizjoni datata 1 ta' Awwissu 2007, il-Bord cahad l-appell tal-esponent wara li osserva illi *before arriving in Malta illegally on 28$^{th}$ June 2006 from Libya by boat, you had already been granted refugee status by UNHCR in Tripoli on 30$^{th}$ August 2005, by means of a notification which was valid only for one year from that date. However, before traveling to Libya, you had already applied for refugee status in Nigeria. According to the documents on file, you had been granted such status by UNHCR in Lagos, Nigeria, on 8$^{th}$ December 1999…*u dan ghaliex, fil-fehma tal-Bord, *your request for recognition by Malta as a refugee is inadmissible under Maltese law (Section 18(A)(1)(b) of Chapter 420 of the Laws of Malta). According to Maltese Law, "such a person can be re-admitted to that country" i.e. in your case, Nigeria* (Vide Dok 'C' hawn anness).

**Ragunijiet li wasslu ghat-talbiet attrici:**

"1. Illi r-rikorrent isostni illi din id-decizjoni giet mehuda fuq interpretazzjoni hazina tal-ligi u dan ghaliex, ai termini tal-Artikolu 18A(1)(b) tal-Att dwar ir-Rifugjati,

applikazzjoni minn persuna li tkun giet rikonoxxuta f'pajjiz li ma jkunx stat membru bhala rifugjat ma hijiex ammissibbli biss f'kaz illi:

- Il-persuna *tkun ghad tista' tgawdi minn dak il-harsien jew xort'ohra tkun tgawdi harsien bizzejjed f'dak il-pajjiz, inkluz li tibbenefika mill-principju ta' nonrefoulement,*

  *u*

- *il-persuna tkun tista' tigi mhollija tidhol mill-gdid f'dak il-pajjiz.*

"2. Illi dan ifisser illi qabel ma jigi deciz illi kaz huwa inammissibli jrid isir ezami tal-kwalita` ta' protezzjoni li l-applikant seta' jottjeni f'dak il-pajjiz, kif ukoll stharrig dwar jekk huwiex possibbli ghall-applikant illi jerga' jidhol mill-gdid f'dak il-pajjiz u jkompli jgawdi minn dik il-protezzjoni;

"3. Illi fil-kaz in ezami dan ma sarx, il-Bord semplicement ikkonkluda illi ai termini tal-ligi Maltija l-applikant seta' jidhol in-Nigerja;

"4. Illi, ghall-kuntrarju ta' dak li sostna l-Bord, mhix il-ligi Maltija izda dik tal-pajjiz koncernat li tiddetermina jekk persuna tithallhiex tidhol jew le f'dak il-pajjiz;

"5. Illi inoltre, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ai termini tal-Artiklu 18A tal-Att dwar ir-Rifugjati, il-kuncett tal-inammissibbilita` ta' applikazzjoni japplika biss fi stadju preliminari tal-proceduri ghad-determinazzjoni ta' talba ghall-azil; fil-fatt Artiklu 18A(4) tal-Att tipprovdi illi f'kaz illi, waqt l-ewwel intervista ma' persuna li qed titlob il-kenn ai termini tal-Artikolu 8(1) tal-Att, l-ufficjal tal-immigrazzjoni jara li l-applikazzjoni hija inammissibbli, ghal wahda mir-ragunijiet elenkati f'Artiklu 18A(1), ghandu minnufih jaghmel rapport f'dan is-sens u jinforma lill-applikant b'dan kif ukoll bid-dritt tieghu li jitlob lill-Kummissarju ghar-Rifugjati biex jerga' jikkonsidra mill-gdid l-opinjoni dwar inammissibbilita`;

"6. Illi, skont l-istess Att, ladarba applikazzjoni tigi ammessa fil-procedura regolari, ghandha tigi segwita il-

procedura stabbilita mill-Att ghall-ezami tal-mertu tat-talba;

“7. Illi ma hemm xejn fil-Kap. 420 tal-Ligijiet ta’ Malta illi tippermetti l-Bord tal-Appell illi jissolleva *ex officio* l-inammissibbilita` tal-applikazzjoni ghall-istatus ta’ Rifugjat meta din tkun giet ammessa;

“8. Illi, inoltre, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ai termini tal-Artikolu 7(1) tal-Att dwar ir-Rifugjati, il-Bord tal-Appelli dwar ir-Rifugjati ghandu biss *is-setgha li jisma’ u jiddeciedi appelli kontra xi rakkommandazzjoni tal-Kummissarju*;

“9. Illi fil-fatt la sar u, skont il-ligi, lanqas ma jista’ jsir appell minn decizjoni tal-Kummissarju li jaccetta bhala ammissibbli t-talba tal-esponent u, ghalhekk, il-Bord m’ghandux is-setgha illi jirrevedi din id-decizjoni f’dan l-istadju;

“10. Illi l-esponent jemmen illi, ai termini tal-ligi, il-Bord ma kellux jaqbad u jichad l-appell minghajr ma lanqas biss jezamina la l-possibbilita` attwali ta’ ritorn lejn in-Nigerja u wisq inqas il-mertu tal-appell u ghalhekk qed jintavola r-rikors odjern.

“Talbiet attrici.

“Ghaldaqstant l-attur umilment jitlob lil din il-Qorti joghgobha:

“1. Tiddikjara illi d-decizjoni tal-Bord tal-Appelli tar-Rifugjati Numru RAB: datata hija affetta minn interpretazzjoni hazina tal-ligi, u senjatament tal-Att dwar ir-Rifugjati (Kapitolu 420 tal-Ligijiet ta’ Malta);

“2. Konsegwentment, thassar u tannulla d-decizjoni tal-Bord tal-Appelli fuq imsemmija;

“3. Konsegwentement, tirremetti l-atti lill-Bord tal-Appell sabiex jiddeciedi dwar il-mertu in kwistjoni;

“Bl-ispejjez kontra l-konvenut minn issa ngunt in subizzjoni.”

Rat ir-risposta guramentata tal-Bord konvenut li in forza taghha eccepixxa illi:

“**A. In kwantu ghall-Eccezzjonijiet**

“1. Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari, l-azzjoni tal-attur hija irrita u nulla u dan a tenur tal-Artikolu 7 (9) tal-Att Dwar ir-Refugjati (Kap. 420 tal-Ligijiet ta’ Malta) li jistipula b’mod car u inekwivoku illi:

“Minkejja d-dispozizzjonijiet ta’ kull ligi ohra, izda minghajr pregudizzju ghall-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u minghajr pregudizzju ghad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 4 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, id-decizjoni tal-Bord tkun wahda finali u konkluziva u ma tkun tista’ tigi kontestata jew appellata quddiem ebda qorti tal-gustizzja.”

“Ghalhekk in kwantu l-kawza odjerna mhux bazata fuq allegazzjoni ta’ ksur ta’ drittijiet fundamentali a tenur tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni jew tal-Artikolu 4 tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta’ Malta, imma hija sempliciment azzjoni li qeghdha tattakka d-decizjoni tal-Bord tal-Appelli per se, ir-rikors in risposta huwa legalment improponibbli.

“2. Illi d-decizjoni tal-Bord tal-Appell dwar ir-Rifugjati fil-konfront tal-attur hija gusta u skont il-Ligi u ghalhekk timmerita konferma.

“3. Illi l-azzjoni odjerna hija infondata fil-fatt u fid-dritt u dan stante illi ma kien hemm l-ebda interpretazzjoni hazina tal-Ligi da parti tal-Bord tal-Appelli dwar ir-Refugjati.

“4. Illi kuntrarjament ghal dak allegat mill-attur, applikazzjonijiet dwar *status* ta’ rifugjat huma materja li jolqtu l-*public policy* tal-Istat u ghalhekk il-Bord tal-Appell dwr ir-Rifugjati ghandu d-dritt u d-dover li *ex officio* jezamina u jiddeciedi anke dwar il-kwistjoni tal-inammissibbilita` ta’ applikazzjoni.

“5. Illi dan jinghad anke fl-isfond tal-legislazzjoni sussidjarja 420.01 (Avviz Legali 252 tal-2001) li takkorda poteri wiesgha lill-Bord tal-Appelli bhal per ezempju li jista’ jitlob lill-Kummissarju biex jaghmel stharrig ulterjuri u biex jissuplixxi lill-Bord b’dik l-informazzjoni ulterjuri kollha hekk kif il-Bord ikun jehtieg hArt. 5 (1) (d)z. Dan jikkontradixxi l-pretensjonijiet tal-attur li fl-ezercitar tal-poteri tal-Bord fil-kors tas-smiegh tal-appelli huma ma jistghu jiehdu ebda inizjattiva bhal ma gara fil-kaz odjern.

“6. Illi fi kwalunkwe kaz, il-kawza odjerna hija kawza cara ta’ *asylum shopping* liema kuncett huwa kkundannat universalment u certament ma hux gustifikazzjoni sabiex applikant jinghata *status* ta’ rifugjat f’pajjiz wara iehor skont fejn jidhirlu illi ghandu jmur l-istess applikant.

“7. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

“8. Bl-ispejjez.”

Rat il-verbal tat-8 ta’ Lulju, 2008, quddiem l-ewwel Qorti fejn, billi waqt is-seduta precedenti kienet tqanqlet il-kwistjoni jekk il-Bord setax ikun imharrek bhala konvenut fi proceduri gudizzjari, il-partijiet ftehmu illi l-attur icedi l-proceduri kontra l-Bord, b’dan li kull parti thallas l-ispejjez taghha, u l-proceduri jitkomplew kontra l-Avukat Generali u l-Kummissarju ghar-Rifugjati, li dakinhar stess issejjhu fil-kawza, laqghu n-notifika u ghamlu taghhom l-eccezzjonijiet tal-Bord.

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta’ Gunju, 2009, li in forza taghha laqghet l-eccezzjoni tal-konvenuti taht l-Artikolu 7(9) tal-Kap. 420, u cahdet it-talbiet tal-attur; l-ispejjez tal-Bord, kif irid il-ftehim bejn il-partijiet tat-8 ta’ Lulju, 2008, ghandhom jithallsu mill-Bord; l-ispejjez l-ohrajn kollha jhallashom l-attur;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
“Il-kwistjonijiet imqanqla mill-attur essenzjalment huma tnejn:

1. “jekk il-Bord setax iqis it-talba tiegħu bħala “inammissibbli” wara li kienet ġà ngħatat deċiżjoni dwarha fil-meritu – u għalhekk kienet ġà għelbet l-ostakolu ta’ inammissibilità – fil-proċeduri quddiem il-Kummissarju; u

2. “jekk fil-meritu kinitx tajba d-deċiżjoni tal-Bord li l-attur għadu jista’ jgawdi minn ħarsien bħala rifuġjat, jew minn ħarsien ta’ xort’oħra li jkun biżżejjed, fil-pajjiż – li ma jkunx stat membru tal-Unjoni Ewropeja – fejn ġà kien magħruf bħala rifuġjat.

“L-attur għalhekk effettivament irid illi l-qorti tqis jekk kinitx tajba d-deċiżjoni tal-Bord dwar il-kwistjoni proċedurali tal-istadju meta setgħet titqanqal l-eċċezzjoni ta’ inammissibilità, u wkoll jekk kinitx tajba d-deċiżjoni dwar il-meritu ta’ dik l-eċċezzjoni.

“Il-konvenuti qegħdin igħidu illi din il-qorti ma tistax tqis jekk dawk id-deċiżjonijiet tal-Bord kinux tajba jew le għax l-art. 7(9) tal-Kap. 420 irid illi d-deċizjoni tal-Bord tkun waħda finali u konkluživa u li ma tkun tista’ tiġi kontestata jew appellata quddiem ebda qorti tal-ġustizzja.

“Din l-eċċezzjoni tal-konvenuti tqanqal kwistjoni delikata ta’ fejn għandha tkun il-linja bejn żewġ prinċipji tal-liġi li, f’ċirkostanzi partikolari, jistgħu joħolqu tensjoni: min-naħa l-waħda hemm dispożizzjoni espressa tal-liġi li tgħid illi d-deċiżjoni tal-Bord ma tistax tiġi kontestata quddiem qorti tal-ġustizzja, u min-naħa l-oħra hemm il-prinċipju ogħla tal-liġi, jew, aħjar ta’ leġalità fi stat ta’ dritt, li jgħid illi ħadd ma hu ’l fuq mil-liġi, u illi huma l-qrati tal-ġustizzja l-organu fdat bis-setgħa u bid-dmir li jgħid jekk il-liġi tħarsitx.

“Dan ma jfissirx illi kull deċiżjoni ta’ kull bord jew ta’ kull organu ieħor hija soġġetta għal stħarriġ ġudizzjarju, u lanqas ma jfisser illi bord imwaqqaf taħt il-liġi ma jistax jieħu deċiżjonijiet li ma jkunux finali. Ukoll, mhux kull nuqqas iwassal biex deċiżjoni ma tkunx tiswa. Naturalment, nuqqas li jwassal għal ksur ta’ xi dritt fondamentali għandu jsib rimedju quddiem il-qrati, iżda l-liġi stess testwalment taħseb għal dan, u l-każ tallum ma huwiex dwar hekk.

"F'materja ta' proċedura, il-liġi ogħla trid illi għallinqas jitħarsu dawk li jitqiesu li huma prinċipji ta' "ġustizzja naturali", *viz. audi et alteram partem* u *nemo iudex in causa propria*, u illi bord jew tribunal ieħor li jieħu deċiżjoni dwar kwistjoni li tinġieb quddiemu jkun imwaqqaf sew u jkollu s-setgħa taħt il-liġi li jieħu dik id-deċiżjoni.

"Fil-każ tallum ma saret ebda allegazzjoni illi l-Bord ma kienx imwaqqaf u magħmul kif trid il-liġi, u lanqas illi waqt is-smigħ l-attur ma ngħatax l-opportunità li jinstema' jew illi xi membru tal-Bord kellu interess personali fil-każ. Il-kwistjoni dwar jekk eċċezzjoni tridx titressaq *in limine litis* jew tistax titqies aktar 'il quddiem waqt is-smigħ hija deċiżjoni li dwarha l-Bord jieħu deċiżjoni finali bla ma b'hekk jinħoloq konflitt jew tensjoni mal-prinċipju ta' legalità, aktar u aktar meta tqis illi l-Bord għandu s-setgħa, taħt l-art. 7(8) tal-Kap. 420, li jirregola l-proċedura tiegħu nnifsu.

"Il-qorti għalhekk hija tal-fehma illi d-deċiżjoni tal-Bord dwar jekk setax iqis l-ammissibilità tat-talba tal-attur hija waħda mħarsa taħt l-art. 7(9) tal-Kap. 420."

Rat ir-rikors tal-appell tal-attur li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab illi din il-Qorti joghgobha tirrevoka u thassar s-sentenza moghtija fis-26 ta' Gunju 2009 mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili per l-Imhallef Giannino Caruana Demajo, fl-ismijiet fuq premessi u minflok taqta' billi tichad l-eccezzjonijiet tal-appellat filwaqt illi tilqa' t-talbiet attrici, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellat.

Rat ir-risposta tal-konvenuti Avukat Generali u Kummissarju ghar-Rifugjati li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu illi din il-Qorti ghandha tichad l-appell tal-appellant, bl-ispejjez kontra tieghu;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi l-kwistjoni principali ta’ din il-kawza ddur fuq l-interpretazzjoni tal-Artikolu 18A tal-Att dwar ir-Rifugjati (Kap. 420 tal-Ligijiet ta’ Malta) kif kien meta saret it-talba ghal azil mill-attur u qabel ma ddahhlu fis-sehh l-emendi fil-ligi bl-Att VII tal-2008. L-attur huwa cittadin mill-Congo u meta wasal Malta b’mod irregolari fit-28 ta’ Gunju, 2006, talab li jinghata *status* ta’ rifugjat. Din it-talba izda giet michuda fuq il-meritu mill-Kummissarju ghar-Rifugjati b’decizjoni tal-11 ta’ April, 2007. L-attur appella ghal quddiem il-Bord tal-Appelli dwar ir-Rifugjati (aktar ’l quddiem imsejjah “il-Bord”) taht l-Artikolu 7(2) tal-Kap. 420. L-appell, pero`, gie michud b’decizjoni tal-1 ta’ Awwissu, 2008, wara li l-Bord *ex officcio* qajjem il-kwistjoni dwar jekk it-talba tal-attur kinitx ammissibbli, u eventwalment qies l-istess talba bhala inammissibbli taht l-Artikolu 18A(1)(b) tal-istess Kap. 420.

L-attur ressaq din il-kawza u talab lill-Qorti thassar id-decizjoni tal-Bord ta’ Awwissu, 2008, ghax hi mibnija fuq interpretazzjoni hazina tal-ligi. L-ewwel Qorti rriferiet ghall-Artikolu 7(9) tal-imsemmi Kap. 420 li jghid li kull decizjoni tal-Bord “tkun wahda finali u konklussiva u ma tkun tista’ tigi kontestata jew appellata quddiem ebda qorti tal-gustizzja. Qalet, ghalhekk, li dak li tista’ taghmel huwa li tezercita l-gurisdizzjoni inerenti taghha ta’ “judicial review”, u wara li sabet li l-Bord mexa tajjeb u ma gewx miksura l-principji ta’ gustizzja naturali, cahdet it-talba attrici.

L-attur appella mis-sentenza u ressaq diversi aggravji marbuta mas-setgha tal-Bord li jissolleva hu stess u jiddeciedi dwar l-ammissibilita` o meno tat-talba attrici; ilmenta wkoll li, fil-meritu, il-Bord ghamel interpretazzjoni zbaljata tal-Artikolu 18A tal-ligi.

L-Artikolu 18A gie introdott fil-ligi bl-Att VIII tal-2004, u kien fis-sehh fiz-zmien li giet ikkonsidrata t-talba ghal azil tal-attur. Dan l-artikolu kien jipprovdi hekk:
“*18A. (1) Dan l-artikolu japplika ghal xi persuna f’Malta li tkun qed tipprova takkwista status ta’ rifugjat u li:*

*“(a) tkun inghatat status ta’ rifugjat minn Stat Membru li ma jkunx Malta; jew*

*“(b) tkun giet rikonoxxuta f’pajjiz li ma jkunx stat membru bhala rifugjat u tkun ghad tista’ tgawdi minn dak il-harsien jew xort’ohra tkun tgawdi harsien bizzejjed f’dak il-pajjiz, inkluz li tibbenefika mill-principju ta’ nonrefoulement, u li dik il-persuna tkun tista’ tigi mhollija tidhol mill-gdid f’dak il-pajjiz; jew*

*“(c) tkun ta’ nazzjonalità jew cittadinanza ta’ xi pajjiz ta’ l-origini sigur li jkun elenkat fl-Iskeda ma’ dan l-Att jew, jekk ma jkunx ta’ nazzjonalità jew cittadinanza tieghu, ikollu dritt ta’ residenza hemm.*

*“(2) Il-Ministru jista’ b’regolament jemenda l-lista tal-pajjizi specifikati fl-Iskeda ma’ dan l-Att b’dan li huma biss dawk il-pajjizi li fil-fehma tieghu huma pajjizi ta’ l-origini sigurli jistghu jigu elenkati fl-Iskeda msemmija u b’dan ukoll li l-Ministru ghandu jnehhi mill-Iskeda msemmija kull pajjiz li fil-fehma tieghu ma jkunx aktar pajjiz ta’ l-origini sigur.*

*“(3) Applikazzjoni ghal status ta’ rifugjat minn persuna li ghaliha japplika dan l-artikolu tkun inammissibbli.*

*“(4) Jekk waqt xi intervista li ghaliha saret riferenza fl-artikolu 8(1) il-persuna intervistata titlob biex tapplika ghal status ta’ rifugjat u dik il-persuna tkun wahda li ghaliha japplika dan l-artikolu, l-ufficjal ta’ immigrazzjoni li jkun imexxi l-intervista ghandu minnufih jaghmel rapport bil-miktub fis-sens li kull applikazzjoni minn dik il-persuna ghal status ta’ rifugjat hija inammissibbli taht is-subartikolu (3) u jispecifika ir-raguni ghal dik l-inammissibilità.*

*“(5) Kopja tar-rapport ghandha tinghata mill-ufficjal ta’ immigrazzjoni lill-persuna intervistata li ghandha tigi informata li tista’ tapplika lill-Kummissarju sabiex tigi konsidrata mill-gdid it-talba taghha ghal status ta’ rifugjat.*

*“(6) Meta r-raguni ghall-inammissibilità ta’ l-applikazzjoni tkun li pajjiz iehor ikun pajjiz ta’ l-origini sigur, l-ufficjal ta’*

*immigrazzjoni ghandu, flimkien mar-rapport, jaghti lill-persuna intervistata dokument fil-lingwa ta' dak il-pajjiz, li jinforma lill-awtoritajiet ta' dak il-pajjiz li l-persuna intervistata kienet talbet ghal status ta' rifugjat u li t-talba taghha kienet giet meqjusa inammissibbli u ma gietx ezaminata fis-sustanza.*

*"(7) Persuna li ghar-rigward taghha jkun sar rapport taht dan l-artikolu tista' fi zmien sebat ijiem mid-data tar-rapport tapplika lill-Kummissarju sabiex jikkonsidra mill-gdid l-opinjoni dwar l-inammissibilità.*

*"(8) Il-Kummissarju ghandu minnufih jezamina l-applikazzjoni taht is-subartikolu (7) u ghandu jikkonsidra ssottomissjonijiet li jsiru u l-provi migjuba mill-applikant sabiex juri li ma hix persuna li ghaliha japplika dan l-artikolu.*

*"(9) Meta l-applikazzjoni tirrigwarda rapport bhal dak li ghalih jaghmel riferenza is-subartikolu (6) il-Kummissarju ghandu jikkonsidra wkoll kull sottomissjonijiet li jsiru u l-provi migjuba mill-applikant sabiex juri li:*

*"(a) il-pajjiz dikjarat fir-rapport li hu pajjiz ta' l-origini sigur ma hux pajjiz fejn l-applikant jista' jitregga' lura fis-sigur; jew*

*"(b) l-applikant ikun suggett ghal tortura jew jinghata trattament jew jigi punit b'mod krudil, inuman jew degradanti jekk jigi mregga' lura f'dak il-pajjiz.*

*"(10) Kull decizjoni tal-Kummissarju taht dan l-artikolu dwar l-inammissibilità jew xort'ohra ta' l-applikazzjoni ghal status ta' rifugjat mill-applikant tkun finali u ebda appell ma jista' jsir minn dik id-decizjoni.*"

Din il-Qorti tara li minn qari ta' dan l-artikolu johrog car li d-determinazzjoni tal-ammissibbilita` o meno ta' talba ghal azil hija imhollija, fl-ewwel lok, f'idejn l-ufficcjal ta' immigrazzjoni li jkun mexxa l-intervista fit-terminu tal-ligi, u, fit-tieni lok, f'idejn il-Kummissarju dwar Refugjati, u dan jaghti decizjoni li tkun finali, u li minnha ma jista' jsir ebda

appell. Il-kwistjoni tal-inammissibilita` ta' talba ma kienet qatt materja li setghet titqajjem quddiem il-Bord, ghax kienet kwistjoni mhollija ghad-decizjoni finali tal-imsemmija Kummissarju, salv id-dritt ta' "review" ta' dawn il-Qrati. Darba, pero`, li talba titqies ammissibbli, il-kaz jitressaq ghal quddiem il-Bord li l-funzjoni tieghu kienet biss li jistharreg it-talba fil-meritu. Anke jekk il-Bord kien ikun tal-fehma li t-talba setghet kienet inammissibbli, darba li l-kaz tressaq quddiemu, kellu jidhol fil-meritu tat-talba.

F'dan il-kaz, ma jirrizultax li lill-attur saritlu intervista formali kif trid il-ligi fit-terminu tal-Artikolu 8(1) tal-ligi. Mal-attur, ovvjament, sar diskors biex jittiehdulu d-dettalji, u mitlub jghid xi jrid, hu talab azil f'dan il-pajjiz. Ma sarx rapport bil-miktub fis-sens li l-applikazzjoni tal-attur ghal *status* ta' rifugjat hija inammissibbli, u l-kaz tieghu tressaq quddiem il-Bord ghall-konsiderazzjoni taghha fil-meritu. Hija l-fehma ta' din il-Qorti li, fid-dawl tal-ligi kif kienet dak iz-zmien, darba kaz tressaq quddiem il-Bord, dan kellu jqis l-istadju tal-ammissibbilita` o meno tal-applikazzjoni bhala superat, u kellu jidhol mill-ewwel biex jiddiskuti l-meritu.

Il-ligi rregolat b'mod preciz u dettaljat kif il-kwistjoni ta' ammissibbilita` o meno ta' talba ghal azil kellha tigi dibattuta u deciza, u espressament nehhiet din il-kwistjoni mill-kompetenza tal-Bord u dan meta qieset id-decizjoni tal-imsemmi Kummissarju bhala "finali" u tghid ukoll li "ebda appell ma jista' jsir minn dik id-decizjoni". Il-Bord, darba li kaz tressaq quddiemu, ma setax la jsolvi din il-kwistjoni hu u lanqas jiddeciedi dwarha.

Tqum issa l-kwistjoni jekk din il-Qorti tistax thassar decizjoni tal-Bord u dan fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 7(9) tal-Att li jghid li decizjoni tal-Bord ma tistax tigi kontestata jew appellata quddiem ebda qorti tal-gustizzja. Hu principju ta' dritt, pero`, li l-gurisdizzjoni inerenti tal-qrati ta' "judicial review" ma tista' titnehha minn ebda ligi, ghax ma jistax jigi accettat li l-legislatur qatt jista' jippermetti li decizjoni tittiehed bi ksur tal-principji ta' gustizzja naturali jew kontra l-ligi.

L-ewwel Qorti stess osservat li kellha l-poter tezamina li l-Bord li jkun ha d-decizjoni kien imwaqqaf sew u li jkollu s-setgha taht il-ligi li jiehu dik id-decizjoni. Din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti li f'dan il-kaz ma saret ebda allegazzjoni illi l-Bord ma kienx imwaqqaf u maghmul kif trid il-ligi, u lanqas illi waqt is-smigh l-attur ma nghatax l-opportunita` li jinstema' jew illi xi membru tal-Bord kellu interess personali fil-kaz. Ma taqbilx, pero`, li kienet fil-kompetenza tal-Bord jwessa' l-poteri tieghu u jiehu fuq spallejh setgha li taht il-ligi ma kellux, u dan semplicement ghax il-Bord kellu l-poter jirregola l-procedura tieghu nnifsu.

Il-kompetenza tal-Bord kienet limitata biex tistharreg talba ghal status ta' rifugjat fil-meritu, u ma kellu ebda setgha jara jekk dik it-talba kinitx jew le ammissibbli skont l-Artikolu 18A tal-Att. Darba li l-Bord mar kontra l-ligi, din il-Qorti ghandha d-dritt u d-dover li thassar dik id-decizjoni. Il-Bord iddecieda *ultra vires* s-setghat tieghu ghax ma kellux poter jiehu d-decizjoni li ha in prim istanza. Ma kinitx decizjoni tieghu li jiehu, u l-Bord kellu jqis l-applikazzjoni ammissibbli u jitratta l-kaz fuq il-meritu.

Fil-ktieb "<u>Garner's Administrative Law</u>" (James B.L. pagna 107-108) jinghad illi:
*"in circumstances where the gravity of the complaint cannot be brought within the terms of one of the ordinary causes of action, the citizen may nevertheless have a remedy in the courts in the following situation: (a)where a statute expressly confers a right of appeal to a named court; or (b) where he can invoke the inherent supervisory jurisdiction of the High Court to review the conduct of persons or bodies purporting to exercise statutory function, to ensure that they remain within the confines of their statutory powers (intra vires) and do not stray beyond the limits of that authority (ultra vires), and also to ensure that duties owed to the public are duly performed."*

Dan hu preciz dak li se taghmel din il-Qorti f'din il-kawza, u cioe`, li thassar id-decizjoni tal-Bord peress li dak l-istess Bord "did not remain within the confines of [its]

statutary powers”. Il-Qrati Civili jistghu jissindikaw l-operat ta’ kwalsijasi tribunal jew bord imwaqqaf bil-ligi, l-ewwelnett biex jassiguraw li l-principji tal-gustizzja naturali jkunu osservati u, fit-tieni lok, biex jassiguraw li ma jkunx hemm xi enuncjazzjoni hazina jew inkompleta tal-ipotesi tal-ligi fis-sens lat tal-frazi, fis-sens li ghandhom jassiguraw mhux biss li d-decizjoni innifisha ma tkunx wahda “wrong at law”, izda li t-Tribunal jew Bord ikollu s-setgha legali jaghti dik id-decizjoni.

Din il-Qorti fil-kawza **General Workers Union v. Bank of Valletta plc**, deciza fid-19 ta’ Jannar, 2010, apparti li ribadit il-principju li l-qrati Maltin ghandhom is-setgha li jissindikaw decizjonijiet ta’ tribunali gudizzjarji jew kwazi-gudizzjarji, setgha li temana mill-gurisdizzjoni ordinarja li l-ligi tikkonferixxi lill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili, qablet ukoll mal-principju aktar specifiku fis-sens illi:
*“… … … gie bosta drabi ritenut mill-Qrati Taghna illi d-decizjonijiet, ta’ tribunal specjali tali, meta ma hemmx appell statutorju minnhom, jistghu jigu sindakati mit-tribunali ordinarji, imma “biss” sabiex dawn it-tribunali jikkontrollaw eccess ta’ gurisdizzjoni u jinfurzaw l-applikazzjoni tar-regoli ta’ gustizzja naturali.” (**Josephine Caruana v. Walter Attard** deciza mill-Prim’ Awla fit-22 ta’ Novembru 1951 Vol. XXXV-II-514 – stharrig gudizzjarju tal-Bord tal-Kera).*

Il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fil-kaz **Malta International Airport plc v. Fenech**, deciz fl-14 ta’ Mejju, 2009 ikkonfermat li l-qrati ordinarji ghandhom d-dritt jistharrgu l-imgieba jew id-decizjoni ta’ tribunal, jekk jirrizulta, fost cirkostanzi ohra, li t-tribunal qabez is-setghat tieghu, jew kien nieqes minn setgha, jew li ma mexiex mal-ligi li tahtha twaqqaf (ara wkoll **Power Projects Ltd. v. Agius**, deciz mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta’ Gunju, 2003, u **Agius v. Galea**, deciza minn din il-Qorti fit-28 ta’ Jannar, 2005, fil-kuntest tal-poter tal-qrati li jissindikaw decizjonijiet tat-Tribunal Industrijali meta dan ikun agixxa ultra vires is-setghat lilu moghtija).

Darba li rrizulta li l-Bord, fil-kaz tallum, issolleva u ddecieda fuq materja li, dak iz-zmien, ma kinitx tidhol fis-

setgha tieghu, hu agixxa *ultra vires* u d-decizjoni trid tigi mhassra.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-attur billi tilqa' l-istess, thassar u tirrevoka d-decizjoni li tat l-ewwel Qorti fis-26 ta' Gunju, 2009, u tghaddi minflok biex tilqa' t-tlett talbiet tal-attur kif dedotti.
L-ispejjez tal-Bord, kif miftiehem, ghandu jhallashom il-Bord, pero`, l-ispejjez l-ohra kollha tal-kawza jithallsu mill-konvenuti Avukat Generali u Kummissarju ghar-Rifugjati in solidum.

D

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------